II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/1563

tat-28 ta' Lulju 2023

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.

(3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna qawwija tal-Unjoni tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Kunsill Ewropew tenna wkoll li l-Unjoni tibqa' impenjata li żżomm u żżid il-pressjoni kollettiva fuq ir-Russja, inkluż permezz ta' aktar miżuri restrittivi possibbli. Il-Kunsill Ewropew iddikjara wkoll li l-Unjoni ser tintensifika l-ħidma tagħha mas-sħab biex tiġġieled in-narrattivi foloz tar-Russja u d-diżinformazzjoni dwar il-gwerra.

(4) Fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, xi atturi Russi mexxew kampanja diġitali ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni msemmija "RRN" (Recent Reliable News), li għandha l-għan li timmanipula l-informazzjoni u xxerred il-propaganda b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dik il-kampanja, li fiha pparteċipaw korpi tal-gvern jew korpi affiljati mal-Istat Russu, tiddependi minn paġni web foloz li jassumu l-identità ta' strumenti tal-media nazzjonali u siti web tal-gvern, kif ukoll minn kontijiet foloz fuq il-media soċjali.

(5) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li seba' persuni u ħames entitajiet responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

([1]) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
P. NAVARRO RÍOS

ANNESS

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness 1 għar-Regolament (UE) Nru 269/2014

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
"1578.	Timofey Vladimirovitch VASSILIEV Тимофей Владимирович ВАСИЛЬЕВ magħruf ukoll bħala Timofey VI Тимофей ВИ	Funzjoni: Kap tad-Dipartiment għall-gwida strateġika ta' ANO Dialog Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Timofey Vassiliev huwa l-Kap tad-Dipartiment għall-gwida strateġika ta' ANO Dialog, organizzazzjoni Russa mingħajr skop ta' qligħ li nħolqot mid-Dipartiment tal-Informazzjoni u t-Teknoloġija (DIT) ta' Moska fl-2019 u li hija marbuta mal-amministrazzjoni presidenzjali, li kienet u għadha qed ixxerred propaganda online dwar it-territorji annessi illegalment fl-Ukrajna. Timofey Vassiliev imexxi l-kont popolari fuq Telegram li "jivverifika l-fatti" u d-dominji sussegwenti "War on Fakes", li jxerred diżinformazzjoni dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Timofey Vassiliev huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.7.2023
1579.	Ilya Andreïevitch GAMBACHIDZE Илья Андреевич ГАМБАЧИДЗЕ	Funzjoni: Fundatur ta' Structura National Technologies u Social Design Agency Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Ilya Gambachidze huwa l-fundatur ta' Structura National Technologies u Social Design Agency, żewġ entitajiet Russi involuti fil-kampanja diġitali ta' diżinformazzjoni mmexxija mir-Russja "RRN" (Recent Reliable News), li għandha l-għan li timmanipula l-informazzjoni u xxerred id-diżinformazzjoni b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Ilya Gambachidze qabel kien jaħdem bħala konsulent għall-Viċi President tad-Duma, Piotr Tolstoi. Structura National Technologies u Social Design Agency ġew identifikati bħala l-attur ewlieni tal-kampanja, responsabbli għall-ħolqien ta' siti web foloz li jassumu l-identità ta' organizzazzjonijiet tal-gvern u ta' media leġittima fl-Ewropa (primarjament il-Ġermanja, Franza, l-Italja, l-Ukrajna u r-Renju Unit) u li taw spinta lill-kampanja favur ir-Russja "RRN" fuq il-media soċjali. Għalhekk, Ilya Gambachidze huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.7.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1580.	Aleksandr Gennad'yevich STARUNSKY Александр Геннадьевич СТАРУНСКИЙ	Funzjoni: Fundatur tal-Institute of the Russian Diaspora Data tat-twelid: 12.6.1970 Sess: raġel NIT: 771989171763	Aleksandr Starunsky huwa uffiċjal tal-intelligence militari Russa u eks-kmandant tal-unità PsyOps 54777 tal-GRU. Huwa l-fundatur tal-Istitut tad-Dijaspora Russa, organizzazzjoni faċċata tal-GRU u parti integrali mill-organizzazzjoni tal-media Inforos. L-Istitut tad-Dijaspora Russa għandu preżenza fil-media online msejħa russkie.org, li xxerred id-diżinformazzjoni u l-propaganda Russa dwar il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Aleksandr Starunsky huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.7.2023
1581.	Anastasia Sergeevna KIRILLOVA Анастасия Сергеевна КИРИЛЛОВА	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' Inforos Data tat-twelid: 13.12.1986 Sess: mara NIT: 771674318370	Anastasia Kirillova hija fundatur u Direttur Ġenerali ta' Inforos, aġenzija tal-aħbarijiet online responsabbli għat-twaqqif ta' aktar minn 270 strument proxy tal-aħbarijiet online li jxerrdu l-propaganda b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Hija organizzazzjoni faċċata għall-Unità 54777 tas-servizz tal-intelligence militari Russa l-GRU, responsabbli għal operazzjonijiet psikoloġiċi. Għalhekk, Anastasia Kirillova hija responsabbli li appoġġat u implimentat azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.7.2023
1582.	Nina Viktorovna DOROKHOVA Нина Викторовна ДОРОХОВА	Funzjoni: Direttur Ġenerali ta' Inforos Data tat-twelid: 20.11.1965 Sess: mara NIT: 505202442068	Nina Dorokhova hija fundatur u Direttur Ġenerali ta' Inforos, aġenzija tal-aħbarijiet online responsabbli għat-twaqqif ta' aktar minn 270 strument proxy tal-aħbarijiet online li jxerrdu l-propaganda b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Hija organizzazzjoni faċċata għall-Unità 54777 tas-servizz tal-intelligence militari Russa l-GRU, responsabbli għal operazzjonijiet psikoloġiċi. Għalhekk, Nina Dorokhova hija responsabbli li appoġġat u implimentat azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.7.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1583.	Sergey Yurievich PANTELEYEV magħruf ukoll bħala PANTELEEV Сергей Юрьевич ПАНТЕЛЕЕВ	Funzjoni: Uffiċjal tal-intelligence fil-GRU unit 54777 Data tat-twelid: 15.3.1972 Post tat-twelid: Lugansk, Ukraine Sess: raġel NIT: 772916129659	Sergey PANTELEYEV huwa membru tal-unità 54777 tal-GRU u fundatur tal-Istitut tad-Dijaspora Russa, organizzazzjoni faċċata tal-GRU u parti integrali min-network ta' diżinformazzjoni online ta' Inforos. L-Istitut tad-Dijaspora Russa għandu preżenza fil-media online msejħa russkie.org, li xxerred id-diżinformazzjoni u l-propaganda Russa dwar il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, Sergey PANTELEYEV huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.7.2023
1584.	Denis Valerievich TYURIN Денис Валерьевич ТЮРИН	Funzjoni: Uffiċjal tal-GRU Data tat-twelid: 1.4.1976 Post tat-twelid: Moscow Sess: raġel NIT: 772807385405	Denis Tyurin huwa uffiċjal tal-intelligence tal-GRU u fundatur ta' Inforos, aġenzija tal-aħbarijiet online responsabbli għat-twaqqif ta' aktar minn 270 strument proxy tal-aħbarijiet online li jxerrdu l-propaganda b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Hija organizzazzjoni faċċata għall-Unità 54777 tas-servizz tal-intelligence militari Russa l-GRU, responsabbli għal operazzjonijiet psikoloġiċi. Għalhekk, Denis Tyurin huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.7.2023”

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"245.	Social Design Agency magħrufa wkoll bħala "Agentsvo Sotsialnogo Proektirovania aka ASP"	Indirizz: Moscow Bolshoy Kislovsky per, 1, binja 2 Tip ta' entità: Kumpanija tat-Teknoloġija u l-Informazzjoni Post tar-reġistrazzjoni: Russia Data tar-reġistrazzjoni: imwaqqfa fl-2001 Post prinċipali tan-negozju: Russia	Social Design Agency hija kumpanija Russa tal-IT marbuta mill-qrib mas-setgħa politika Russa. Ilha mill-2022 involuta fil-kampanja diġitali ta' diżinformazzjoni mmexxija mir-Russja "RRN" (Recent Reliable News), li għandha l-għan li timmanipula l-informazzjoni u xxerred id-diżinformazzjoni b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Social Design Agency ġiet identifikata bħala attur ewlieni tal-kampanja, responsabbli għall-ħolqien ta' siti web foloz li jassumu l-identità ta' organizzazzjonijiet tal-gvern u ta' media leġittima fl-Ewropa (primarjament il-Ġermanja, Franza, l-Italja, l-Ukrajna u r-Renju Unit) u li tat spinta lill-kampanja favur ir-Russja "RRN" fuq il-media soċjali. Għalhekk, Social Design Agency qed tappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.7.2023
246.	Structura National Technologies magħrufa wkoll bħala "Struktura" Bir-Russu: ООО "ТК СТРУКТУРА"	Indirizz: Moscow municipal district Arbat per Bolshoy Kislovskii 1 building 2 premises/room. i/42 Tip ta' entità: Kumpanija tat-Teknoloġija u l-Informazzjoni. Post tar-reġistrazzjoni: Russia Data tar-reġistrazzjoni: imwaqqfa fl-2009 Numru tar-reġistrazzjoni: NIT 7703438908 Post prinċipali tan-negozju: Russia	Structura National Technologies hija kumpanija Russa tal-IT marbuta mill-qrib mas-setgħa politika Russa. Ilha mill-2022 involuta fil-kampanja diġitali ta' diżinformazzjoni mmexxija mir-Russja "RRN" (Recent Reliable News), li għandha l-għan li timmanipula l-informazzjoni u xxerred id-diżinformazzjoni b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Structura National Technologies ġiet identifikata bħala attur ewlieni tal-kampanja, responsabbli għall-ħolqien ta' siti web foloz li jassumu l-identità ta' organizzazzjonijiet tal-gvern u ta' media leġittima fl-Ewropa (primarjament il-Ġermanja, Franza, l-Italja, l-Ukrajna u r-Renju Unit) u li tat spinta lill-kampanja favur ir-Russja "RRN" fuq il-media soċjali. Għalhekk, Structura National Technologies qed tappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.7.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
247.	ANO Dialog АНО Диалог	Address:119021, st. Timura Frunze, d.11, p.1, BC Demidov, Moscow Tip ta' entità: Organizzazzjoni awtonoma mingħajr skop ta' qligħ Post tar-reġistrazzjoni: Russia Data tar-reġistrazzjoni: 2019 Numru tar-reġistrazzjoni: NIT: 9709056472 Post prinċipali tan-negozju: Russia	ANO Dialog hija organizzazzjoni Russa mingħajr skop ta' qligħ li nħolqot mid-Dipartiment tal-Informazzjoni u t-Teknoloġija (DIT) ta' Moska fl-2019 u li hija marbuta mill-qrib mal-amministrazzjoni presidenzjali. Hija mmexxija minn Alexey Goreslavsky, eks-viċi kap tad-Dipartiment tal-President għall-Proġetti Pubbliċi (OPS). ANO Dialog kienet u għadha qed ixxerred propaganda online dwar it-territorji annessi illegalment fl-Ukrajna. ANO Dialog tagħti struzzjonijiet lill-kanal Readovka fuq Telegram li jippubblika diżinformazzjoni dwar il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna b'appoġġ għall-propaganda tal-Kremlin. ANO Dialog hija marbuta mal-kont popolari fuq Telegram li "jivverifika l-fatti" u mad-dominji sussegwenti "War on Fakes", immexxija mill-Kap ta' ANO tal-Iżvilupp ta' Oqsma Strateġiċi ta' ANO Dialogue, Timofey Vasiliev, li jxerred aħbarijiet foloz u propaganda dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, ANO Dialog qed tappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.7.2023
248.	Inforos OOO IA ООО ИА ИНФОРОС	Indirizz: 117218, MOSCOW, Intracity territory of the city of federal significance municipal district academic, 13 Krzhizhanovskogo str., k. 2, office 511 Tip ta' entità: Organizzazzjoni tal-media Post tar-reġistrazzjoni: Moscow Data tar-reġistrazzjoni: 2/6/2003 Numru tar-reġistrazzjoni: NIT: 7727214569 Post prinċipali tan-negozju: Moscow	Inforos hija aġenzija tal-aħbarijiet online responsabbli għat-twaqqif ta' aktar minn 270 strument proxy tal-aħbarijiet online li jxerrdu l-propaganda b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Hija organizzazzjoni faċċata għall-Unità 54777 tas-servizz tal-intelligence militari Russa l-GRU, responsabbli għal operazzjonijiet psikoloġiċi. Il-propaganda mxerrda minn Inforos u mid-diversi strumenti proxy tagħha għandha l-għan li ssaħħaħ l-idea li l-Ukrajna hija "stat Nazist" u li b'mod falz tikkaratterizza l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja bħala "gwerra bi prokura tal-Punent" kontra r-Russja, u b'hekk iddgħajjef l-appoġġ tal-Punent għall-Ukrajna. Għalhekk, Inforos qed tappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.7.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
249.	Institute of the Russian Diaspora ИНСТИТУТ РУССКОГО ЗАРУБЕЖЬЯ	Indirizz: 117218, MOSCOW CITY, str. Krzhizhanovskoy, d.13, str.2 Tip ta' entità: "Advising on commercial activities and management" Post tar-reġistrazzjoni: Moscow Data tar-reġistrazzjoni: 3/11/2005 Numru tar-reġistrazzjoni: NIT: 7727536630 Post prinċipali tan-negozju: Moscow	L-Istitut tad-Dijaspora Russa huwa organizzazzjoni faċċata tal-GRU u parti integrali min-network ta' diżinformazzjoni online ta' Inforos. Dan twaqqaf b'mod konġunt mill-fundatur ta' Inforos Denis Tyurin. Barra minn hekk, Denis Tyurin irreġistra s-sit web uffiċjali tal-propaganda tal-Istitut huwa nnifsu, billi uża indirizz tal-posta elettronika uffiċjali ta' Inforos. L-Istitut għandu preżenza fil-media online msejħa russkie.org, li xxerred id-diżinformazzjoni u l-propaganda Russa dwar il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, l-Istitut tad-Dijaspora Russa qed jappoġġa b'mod materjali azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.7.2023"